# TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR

**ĠUDIKATUR DR MARSETTE PORTELLI XERRI**
**LL.B, N.P, LL.D, M.A., Dip. Tesol (Trinity)**

**Seduta tal-Ġimgħa, 13 ta' Ġunju, 2025**

**Talba Numru: 1/2024 (MPX)**

**Joseph Mercieca (K.I. 33468G)**

**vs**

**Mario (K.I. 292459M) u Mary Grace (K.I. 516261M) konjugi Calleja**

**It-Tribunal;**

**Ra** l-Avviż tat-Talba, ippreżentat fis-26 ta' Jannar, 2024, li permezz tiegħu talab kif ġej:

1. Peress illi r-rikorrenti wettaq appalt konsistenti f'xoghol u dana fuq struzzjonijiet tal-intimati;

2. Peress illi dan l-appalt twettaq fl-appartament numru tlieta (3), formanti parti mill-korp ta' bini bl-isem 'View Court', Triq ix-Xaghra, Marsalforn limiti Zebbug, Ghawdex;

3. Peress illi ghad fadal bilanc fl-ammont ta' tlett elef, disa' mija erbgha u sebghin Ewro (€3,974) x'jithallas lir-rikorrenti in konnessjoni ma' dak l-istess appalt;

4. Peress illi l-intimati naqsu milli jhallsu dak l-istess bilanc.

Jghidu, ghaldaqstant, l-intimati ghaliex dan l-Onorabbli Tribunal ma ghandux:

1. Jiddikjara illi l-intimati hum debituri fil-konfront tar-rikorrenti fl-ammont ta' tlett elef, disa' mija erbgha u sebghin Ewro (€3,974); u

2. Jikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu dak l-istess ammont lir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati (inkluz dawk tal-ittri legali u gudizzjarji kollha li saru) u bl-imghax ikkalkolat bl-oghla rata permessa mil-ligi b'effett mid-data tat-talba, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha l-intimati huma ingunti.

Ra illi l-konvenuti gew debitament notifikati, izda baqghu ma pprezentaw l-ebda risposta ghal-talbiet attrici;

Ra li gew ipprezentati kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenuti;

Ra li fis-seduta tat-13 ta' Gunju, 2025, infethu u nqraw il-kapitoli u l-kawza giet posposta ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Mill-atti jirrizulta li ghalkemm notifikati bit-talba tal-attur, il-konvenuti ma pprezentaw l-ebda risposta u baqghu qatt ma attendew ghas-seduti ffissati. Minbarra f'dan, l-attur ipprezenta wkoll kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenuti, liema kapitoli nfethu u nqraw;

Ra n-nota ta' mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom, bil-gurament, b'hekk l-istess ammont pretiz gie ppruvat. Stante li l-konvenuti naqsu milli jidhru meta gew ipprezentati l-kapitoli u anke fis-seduta meta l-kapitoli nfethu u nqraw, l-istess kapitoli jirrizultaw misthoqqa u ghandhom jigu emmnuti u ghalhekk ghandhom jittiehdu bhal misthoqqa.

Decide:

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, u ghar-ragunijiet hawn moghtija, dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet tal-attur *in toto* u jordna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tlett elef, disa' mija erbgha u sebghin Ewro (€3,974), bl-imghaxijiet mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez kollha, kif mitluba, kontra l-konvenuti.

**(ft) Dr Marsette Portelli Xerri**
**Ġudikant**

**(ft) Martina Axiak**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**